MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 898/2002

**Mary Thatchev**

**vs**

**Dr. Victor Scerri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-20 ta' Awissu 2002 gew appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Anguel Nikolai Thatchev**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Ottubru 1997. Illi minn dan iz-zwieg ma' kienux twieldu tfal;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwiti lill-konvenut u senjatament, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u

ngurji gravi da parti tal-konvenut u in subsidum, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment;

Illi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 1220/2002 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut, u konsegwentement tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kkunsidrat li minnha gie hati tal-firda, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut.

2) Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

3) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti millistess komunjoni jigu assenjati lill-attrici, jew kif xorta ohra jidhrilha dina l-Onorabbli Qorti.

4) Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att, jekk dan ikun mehtieg.

5) Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

6) Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 2 ta’ Awissu 2002 fejn talbet il-hatra ta’ Kuraturi Deputati sabiex jirrapprenzentaw lill-assenti Nikolai Thatchev fl-atti kollha relattivi u sussegwenti prevja l-hrug tas-soliti bandi.

Rat id-digrieti tal-Qorti tas-6 ta’ Awissu 2002 fejn gew ordnati l-hrug tas-soliti bandi, u dak sussegwenti tal-20 ta’ Awissu 2002 fejn innominat lil Dr. Victor Scerri u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Settembru 2002 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-7 ta’ Jannar 2003. Inaghta digriet affidavit attrici b’terminu ta’ sittin gurnata.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn Dr. Edward Gatt ghall-attrici pprezenta affidavit tal-attrici u talab li l-kawza tigi differita ghas-sentenza, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 10 ta’ Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn jirrizulta mill-provi li l-kontendenti zzewgu fis-17 ta’ Ottubru 1997 u fejn fil-25 ta’ Jannar 2001 il-konvenut abbanduna definittivament id-dar konjugali u fil-fatt wara li ha xi flus fl-ammont ta’ cirka Lm2,000 u l-apparat indikat fl-affidavit tal-istess attrici anness man-nota tas-7 ta’ Jannar 2003, huwa anke halla Malta.

Illi jirrizulta wkoll mill-istess affidavit li ma gie bl-ebda mod kontestat li l-istess konvenut kien hati versu l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi *stante* li anke fizikament abbuza minn martu u kien dispreggjattiv lejha

kif jirrizulta mill-istess xhieda taghha, b'dan ghalhekk li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li b'konsegwenza taghhom iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti jidher li l-konvenut approprija ruhu mill-istess somma ta' Lm2,000, sett tat-television, *diving equipment*, xi deheb u xi apparat, u fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha taghti xi provvediment dwar l-istess, anke ghaliex jidher li l-istess konvenut iddispona mill-istess peress li lanqas ghadu biss jghix Malta, b'dan pero` li min-naha taghha l-attrici ghandha tigi assenjata bil-kirja tal-fond "Block A, Flat 9, Triq Andre` Maurios, San Giljan", u l-kera ghandha tghajjat lilha esklussivament u wkoll ghandha tigi assenjata bhala parti mis-sehem tal-komunjoni tal-akkwisti l-vettura Reg. Nru. BOB-090 tal-marka Pegeot 306 u l-kompjuter u t-television u l-mobbli kollha li setghu gew akkwistati mill-istess attrici anke matul iz-zwieg; dan apparti li l-effetti mobbli proprjeta' parafernali taghha u li hija ghandha l-pussess taghhom jibqghu ovvjament proprejta` taghha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrci ghandhom jigu milqugha fis-sens fuq indikat.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-raba' talba, **tilqa' t-talbiet attrici** l-ohra kollha biss u limitatament ghal dak hawn isfel indikat b'dan illi:

1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut, u senjatament abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenut u *in subsidum*, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment u konsegwentement tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut qed jigi kkunsidrat li huwa hati tal-firda bhala dik tal-25 ta' Jannar 2001, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut.

2) Tapplika kontra l-konvenut, interament d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48** tal-Kodici Civili.

3) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mill-25 ta' Jannar 2001 u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni konsistenti fil-vettura Reg. Nru. BOB-090 tal-marka Peugeot 306, l-kompjuter u t-television u l-mobbli kollha li setghu gew akkwistati mill-istess attrici anke matul iz-zwieg, ghandhom jigu assenjati lill-attrici bhala sehma mill-istess kommunjoni tal-akkwisti u dan ghandu jinkludi wkoll il-kirja tal-fond "Block A, Flat 9, Triq Andre` Maurios, San Giljan", liema kera ghandha tghajjat lilha esklussivament u din is-sentenza ghandha tigi notifikata lid-Dipartiment tal-Gvern koncernat, u b'dan ukoll li l-attrici ghandha tghix esklussivament fl-istess fond bl-eskluzjoni tal-konvenut *ai termini* tal-**artikolu 55A tal-Kap 16.**

4) Tichad din it-talba *stante* li m'hemmx bzonn ta' publikazzjoni ta' ebda kuntratt.

5) Tichad din it-talba biss in kwantu tirreferi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-effetti parafernali taghha, *stante* li rrizulta li l-attrici ghandha fil-pussess taghha l-istess l-beni dotali u parafernali, b'dan pero` li tilqa' l-istess talba in kwantu tordna li attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

6) Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**10 ta' Jannar 2003**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**10 ta’ Jannar 2003**